MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 828/2009

***Auto Sales Limited***

***Versus***

**Matthew Farrugia**

1. F’din il-kawża s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta’ vettura li bigħet lill-konvenut. Billi l-konvenut ħallas wara li nfetħet il-kawża, l-attriċi issa qiegħda titlob biss l-ispejjeż.
2. L-attriċi fissret ill-fil-15 ta’ Diċembru 2008 il-konvenut xtara vettura mingħandha bil-patt li jagħmel ħlasijiet kull xahar akkont tal-prezz b’dan illi jekk jonqos milli jħallas għal xahrejn l-attriċi tkun tista’ titlob il-bilanċ kollu. Il-konvenut waqa’ lura fil-ħlasijiet ta’ kemm-il xahar u għalhekk għandu jagħti l-bilanċ li, fid-19 ta’ Awissu 2009, kien tmienja u sebgħin elf, seba’ mija u tlieta u disgħin euro u erba’ ċenteżmi (€78,793.04).
3. L-attriċi għalhekk talbet illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut għandu jagħtiha tmienja u sebgħin elf, seba’

mija u tlieta u disgħin euro u erba' ċenteżmi (€78,793.04), tikkundannah iħallasha dik is-somma flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sa meta jsir il-ħlas.

4. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma weġibx għat-talbiet tal-attriċi, ma deherx għas-smigħ tal-kawża u lanqas inqeda bil-fakoltà mogħtija lilu biex jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub, kif igħid u jrid l-art. 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Madankollu, waqt li kienet miexja l-kawża l-konvenut ħallas is-*sorte* u għalhekk l-attriċi ċediet it-talba relativa u żammet it-talba għall-ispejjeż.

5. Billi l-konvenut ma ħallasx fiż-żmien miftiehem u kien biss wara li l-attriċi fetħet il-kawża illi ħallas, huwa xieraq li jħallas l-ispejjeż .

6. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------